# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors kostituzzjonali numru 82/2021/1 JVC**

***AJD Tuna Limited* (C-26300)**

***v.***

**Ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali; Direttur tal-Agrikultura u Sajd, u b'dikriet tad-29 ta' Lulju, 2021, il-kawża tkompliet kontra d-Direttur Ġenerali tas-Sajd u l-Akkwakultura; u l-Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2022 mill-Prim' Awla tal-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali li, wara li ddisponiet minn diversi eċċezzjonijiet preliminari, laqgħet talba tal-attriċi għal dikjarazzjoni li provvedimenti mogħtija f'appell tal-attriċi f'kawża oħra kienu bi ksur tad-drittijiet tagħha mħarsa taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] iżda

ma laqgħetx talba għal dikjarazzjoni li nkisru wkoll id-drittijiet imħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni [“l-Ewwel Protokoll”] u l-artt. 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [“il-Karta tad-Drittijiet”], u għal dikjarazzjoni li l-provvedimenti fuq imsemmija ma jiswewx. Bħala rimedju għall-ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni l-ewwel qorti ordnat illi l-attriċi tingħata tlitt elef euro (€3,000) bħala danni.  Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Is-soċjetà attriċi kienet attriċi wkoll f’kawża fl-ismijiet *AJD Tuna Ltd v.* Direttur tal-Agrikultura u Sajd u l-Avvukat Ġenerali (ċitaz. nru 1210/2008). L-attriċi appellat b’rikors tad-19 t’Awwissu 2015 mis-sentenza li kienet ingħatat fl-ewwel grad fit-30 ta’ Lulju 2015. B’dikriet tas-16 ta’ Ġunju 2020 il-Qorti tal-Appell appuntat l-appell għas-smigħ fit-30 ta’ Ġunju 2020, u l-avviżi relattivi tal-appuntament u tal-kawtela ġew notifikati lill-attriċi fid-19 ta’ Ġunju 2020 f’idejn ċertu Joseph Cutajar li l-attriċi tgħid li huwa mpjegat mad-ditta *Azzopardi Fisheries* u ma għandu x’jaqsam xejn magħha. Minkejja dan, l-avviżi waslu f’idejn Charles Azzopardi, rappreżentant tal-attriċi.

3. Ġara iżda illi ftit jiem qabel, fit-12 ta’ Ġunju 2020, l-attriċi kienet fetħet kawża oħra fl-istess ismijiet (rik. 425/2020) u r-rappreżentanti tagħha ħasbu illi l-avviżi fuq imsemmija kienu dwar il-kawża l-ġdida, u mhux dwar l-appell. Għalhekk ma ħallsux il-kawtela.

4. Fit-30 ta’ Ġunju 2020, l-ewwel seduta tal-appell, il-Qorti tal-Appell, wara li rat illi, għalkemm notikata bl-avviż relativ, l-attriċi naqset milli tħallas il-kawtela fiż-żmien mogħti mil-liġi, b’dikriet mogħti dakinhar stess qieset l-

appell bħala deżert, għalkemm ir-rappreżentanti tal-attriċi wrew id-disponibilità li jħallsu l-kawtela dak il-ħin stess. B'dikriet ieħor tat-30 ta' Ġunju 2020 il-Qorti tal-Appell ċaħdet talba tal-attriċi biex tħassar id-dikriet ta' deżerzjoni.

5. L-attriċi tgħid illi n-notifika tal-avviżi mhux biss saret ħames snin wara li kien sar l-appell iżda wkoll ma saritx kif trid il-liġi u ma tiswiex, u wkoll illi f'kull każ kien hemm ċirkostanzi li jiġġustifikaw in-nuqqas tagħha li tħallas il-kawtela fiż-żmien li tagħti l-liġi. Għalhekk tgħid illi kien hemm ksur tad-drittijiet tagħha mħarsa taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni, l-art. 6 tal-Konvenzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. Tgħid illi kien hemm ksur ukoll tal-artt. 47 u 52 tal-Karta ta' Drittijiet billi l-kawża li fiha kien sar l-appell kien jolqot drittijiet taħt il-liġi ewropea. L-attriċi għalhekk fetħet il-kawża tal-lum u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li bil-fatt li l-appell tal-esponenti fil-kawża fl-ismijiet <u>*AJD Tuna Limited v.* Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Ġenerali, illum il-ġurnata magħruf bhala l-Avukat tal-Istat</u> (ċitazzjoni numru 1210/2008) dam madwar ħames snin biex jiġi appuntat seħħet vjolazzjoni tad-drittijiet tal-esponenti kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea …;
>
> »2. tiddikjara li l-provvedimenti premessi tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Awissu 2020 u tat-30 ta' Ġunju 2020 fil-kawża … jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea … u l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea, u *cioè* kemm id-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif ukoll id-dritt għal aċċess għall-qorti nnifsu;
>
> »3. tiddikjara li l-provvedimenti premessi … jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll … billi annjentaw u ġabu fix-xejn dritt ta' azzjoni li kellha r-rikorrenti u dan mingħajr l-eżistenza ta' ebda interess pubbliku;
>
> »4. tiddikjara li l-provvedimenti permessi tal-Qorti tal-Appell … jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti skond l-artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea billi jikkostitwixxu użu sproporzjonat ta' teknikalità proċedurali;
>
> »5. tiddikjara illi l-provvedimenti permessi … huma nulli u *ultra vires* billi l-artikoli tal-liġi dwar il-ħlas tal-kawtela ma humiex applikabbli fl-ambitu ta' kawża promossa f'qorti Maltija u li fiha kienu qegħdin jiġu

> mistħarrġa l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet Maltin konċernati a bazi ta' liġijiet ewropej;
>
> »6. tgħaddi sabiex tħassar u tirrevoka l-provvedimenti premessi … u tordna t-tqegħid mill-ġdid tal-kawża fuq il-lista tas-smigħ tal-kawżi;
>
> »7. tagħti kwalsiasi rimedju ieħor opportun, inkluż kumpens pekunjarju biex tagħmel tajjeb għall-preġudizzju soffert mir-rikorrenti naxxenti mill-fatti deskritti fil-qosor f'dan ir-rikors u mill-vjolazzjonijiet hawn riskontrati.
>
> »Bl-ispejjeż … … …«

6. Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi ma huwiex kontradittur leġittimu.

7. L-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikultura u Sajd, illum Direttur Ġenerali tas-Sajd u l-Akkwakultura, ressqu dawn l-eċċezzjonijiet fost oħrajn:

> »4. … … … b'referenza lejn l-allegat ksur tal-artikoli 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, il-mertu ta' din il-vertenza huwa allegat ksur tad-drittijiet umani minħabba azzjonijiet tal-qrati maltin, u *cioè* kif il-qrati maltin interpretaw u applikaw il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux kif ġiet interpretata u applikata l-liġi ewropea, liema azzjonijiet huma naxxenti minn proċedura purament nostrana. Konsegwentament l-azzjoni abbażi tal-Karta hi improponibbli;
>
> »5. l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti kollha *stante* li huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti mingħajr preġudizzju għall-xulxin:
>
> »6. *stante* li r-rikorrenti qiegħda tattakka biss il-fatt li l-Qorti tal-Appell imxiet mal-istess provedimenti, l-azzjoni tal-istess rikorrenti mhix mistħoqqa *stante* li r-rikorrenti qiegħda tippretendi li l-qrati maltin kellhom jagħtu xi trattament speċjali lill-istess u dan meta kienet in-nuqqas tal-ħlas tal-kawtela da parti mir-rikorrenti (li mkien sa issa ma huwa msemmi li kien xi ammont eżorbitanti) li wasslet għas-sitwazzjoni preżenti. *Se mai* għandha tkun ir-rikorrenti li tipprova għaliex il-ħlas tal-kawtela kien impossibbli fi żmien mogħti lilha;
>
> »7. b'referenza għall-ewwel talba, l-esponenti jeċċepixxu li ma saret l-ebda leżjoni ta' xi dritt sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
>
> »8. b'referenza għat-tieni talba, l-esponenti jeċepixxu li ma saret l-ebda leżjoni ta' xi dritt hekk kif sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan *stante* li l-Qorti tal-Appell aderixxiet mal-proċedura ċivili hekk kif promulgata fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (*vide* artikolu 209 tal-Kapitolu 12), liema disposizzjoni tistipula ċar il-kundizzjonijiet tassattivi li magħhom għandha timxi l-Qorti tal-Appell. Għaldaqstant la kien hemm xi ksur ta' xi dritt ta' smigħ xieraq u anqas kien hemm xi impediment għad-dritt t'aċċess;

»9. *di più*, l-inadempiment u l-inottemperanza tar-rikorrenti mal-obbligu li kellha li tħallas il-kawtela ma jistax jitgħabba fuq l-esponenti, kemm għaliex tali obbligu ma huwiex trasferibbli u kif ukoll għaliex huwa inerenti fl-ordinament ġuridiku tagħna fl-istadju tal-appell li titħallas il-kawtela mill-appellant. Il-kawtela mhux biss tassigura l-integrità tal-ġudizzju iżda tissalvagwardja l-interessi tal-partijiet kontendenti u tevita li jsiru appelli frivoli u vessatorji li jkunu intiżi sabiex itawwlu l-proċediment b'mod inutli. Il-liġi trid li l-qorti stess tkun marbuta tassativament bi dmir illi tisma' l-appell *purché* l-kawtela tħallset. Ir-rikorrenti donnu qiegħda tissuġġerixxi illi l-qorti kellha teżerċita poteri diskrezzjonali u fakultativi illi l-liġi ma ttihiex. Il-qrati tagħna jottjenu, jassumu u jeżerċitaw ġurisdizzjoni biss għax ittihielhom il-liġi;

»10. b'referenza wkoll għat-tieni u għar-raba' talba u *dato ma non concesso* li din il-qorti ssib l-Karta hi applikabbli, l-esponenti jeċepixxu li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, u li la kien hemm xi ksur ta' xi dritt ta' smigħ xieraq, la impediment għad-dritt t'aċċess u bil-wisq anqas kien hemm użu sproporzjonali f'xi teknikalità proċedurali*;*

»11. b'referenza għat-tielet talba, l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll ma huwiex applikabbli *stante* li d-dritt proċedurali tal-appell la huwa xi dritt patrimonjali u lanqas huwa xi possediment ai finijiet tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll;

»12. l-eżistenza tal-appell innifsu tippreżupponi kontestazzjoni ġuridika. Għalhekk l-appell jimplika neċessarjament id-dubbju fl-eżitu talvertenza. Dan ifisser illi l-appell iniffsu ma jista' qatt jikkostitwixxi "*a vested right or an acquired right*", għaliex huwa att ġudizzjarju intiż sabiex jistabbilixxi tali drittijiet. Fi kliem ieħor l-appell innifsu huwa prova aħħarija ta' nuqqas tat-tali dritt. Li kieku s-soċjetà rikorrenti kellha dritt ma kienx ikollha bżonn tappella *ab initio*; dan kollu jisposta, ġuridikament, l-applikazzjoni tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll;

»13. b'referenza għall-ħames talba u *dato ma non concesso* li din il-qorti ssib li l-Karta hi applikabbli, l-esponenti jissottomettu li d-dritt kommunitarju jirrikjedi li l-qrati nazzjonali jimxu mal-prinċipju ta' effettività u ekwivalenza. Il-proċedura ċivili ma tagħmilx distinzjoni bejn id-dritt kommunitarju u dritt purament nostran. *De facto* l-proċedura tal-Qorti tal-Appell hi applikabbli irrispettivament minn xi jkun il-mertu tal-istess appell. Għaldaqstant u *nonostante* li l-ħames talba ma għandhiex tiġi milqugħa, ir-rikorrenti għandha tfisser aħjar abbażi ta' xiex qiegħda tippretendi li kellha tiġi addotatta xi tip ta' proċedura speċjali fil-konfront tagħha (proċedura li tippretendi li kellha teħlisha mill-ħlas tal-kawtela) u għandha tfisser ukoll kif skont hi l-azzjonijiet tal-Qorti tal-Appell saru *ultra vires*;

»14. b'referenza għas-sitt u s-seba' talba tar-rikorrenti, il-qorti ta' sede kostituzzjonali m'għandhiex tiġi utilizzata bħala xi qorti tat-tielet istanza, speċjalment meta, tenut kont tal-fatti kif spjegati mir-rikorrenti stess, huwa ċar li d-dikjarazzjoni ta' deżerzjoni mill-Qorti tal-Appell kienet konsegwenza ta' għemil jew nuqqas ta' għemil mir-rikorrenti. Konsegwentament din il-qorti la għandha terġa' tqiegħed din il-kawża fuq il-lista tal-Qorti tal-Appell u wisq anqas tagħti xi rimedju jew kumpens.«

8. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»… … …

»2. tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tar-Registratur Qrati Ċivili u Tribunali u tiddikjara li m'huwiex il-leġittimu kontradittur u konsegwentament tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

»… … …

»5. tilqa' r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u ssib li l-azzjoni a bazi tal-artikoli 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali … hija improponibbli;

»6. tiċħad *in parte* s-seba' eċċezzjoni u tiddikjara li saret lezjoni ta' dritt sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta limitatament biss iżda in relazzjoni għad-dewmien sabiex ġie appuntat l-appell fil-kawża bin-numru 1210/08 filwaqt li tilqa' s-seba' eċċezzjoni in relazzjoni mal-bqija tal-ilmenti tas-soċjetà rikorrenti;

»7. tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż;

»8. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li bil-fatt li l-appell tal-esponenti fil-kawża … numru 1210/2008 dam madwar ħames snin biex jiġi appuntat seħħet vjolazzjoni tad-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;

»9. tilqa' s-seba' talba limitatament biss iżda għall-ewwel talba u tiffissa *arbitrio boni viri* s-somma ta' tlett elef euro (€3,000) bħala danni;

»10. tiċħad il-kumplament tat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti.

»L-ispejjez kollha tar-reġistratur intimat għandhom jiġu sopportati mis-soċjetà rikorrenti; il-bqija tal-ispejjeż għandhom jiġu sopportati in kwantu għal $^{5}/_{7}$ mill-intimat Avukat tal-Istat u in kwantu għar-rimanenti $^{2}/_{7}$ a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.«

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»It-tieni eċċezzjoni preliminari tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali:

»L-intimat reġistratur fit-tieni eċċezzjoni tiegħu jeċċepixxi li m'huwiex il-leġittimu kontradittur għal-lanjanzi tar-rikorrenti u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż.

»Is-soċjetà rikorrenti *AJD Tuna Limited* dwar din l-eċċezzjoni ssostni li m'għandhiex validità għaliex huwa r-reġistratur li jaħdem il-kawtela u jieħu ħsieb jinnotifika lill-appellanti, u l-fatt li dam ħames snin biex għamel dan meta l-liġi kienet tippreskrivilu żmien tnax-il xahar wassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Issostni wkoll li r-reġistratur huwa wkoll il-persuna li jrid jirrispondi għan-nuqqasijiet fin-notifika, inkluż jekk in-notifika tal-kawtela ngħatatx lil persuna li ma kinitx

tikkwalifika. Għalhekk ir-rikorrenti tinsisti li kjarament ir-reġistratur huwa ċertament leġittimu kontraddittur.

»Il-qorti taqbel mal-argument tas-soċjetà rikorrenti li r-reġistratur huwa l-persuna responsabbli min-notifika tal-avviż tal-ħlas tal-kawtela u tal-avviż tas-smigħ. Madanakollu ma taqbilx li b'daqshekk ir-reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali kellu jiġi inkluż fil-kawża odjerna li tittratta allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

»Jiġi rilevat li primarjament id-dewmien fl-appuntar tal-appell ma jistax jiġi b'xi mod attribwit lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali. Il-fatt li l-avviż tal-ħlas tal-kawtela u l-avviż tas-smigħ dam ma ġie notifikat huwa riżultat tal-ammont konsiderevoli ta' appelli fil-lista sabiex jiġu appuntati. Isegwi li r-reġistratur ma jistax jiġi atribwit xi tort għaliex dam ma nnotifika l-imsemmija ħlas tal-kawtela u l-avviz ta' smigħ, li fl-aħħar mill-aħħar il-kawża tad-dewmien tan-notifika tagħhom m'humiex riżultat ta' xi aġir da parti tiegħu.

»Fit-tieni lok dwar l-ilment li r-reġistratur huwa l-persuna li tirrispondi għan-nuqqasijiet fin-notifika, il-qorti tagħmel referenza għal dak iddikjarat mill-Qorti tal-Appell fil-provvediment tagħha tal-24 ta' Awissu 2020:

> »"Hawnhekk il-qorti tqis li l-argument miġjub minn *AJD* dwar is-siwi tan-notifika tal-avviż tas-smigħ u tal-ħlas tal-kawtela mhuwiex wieħed mistħoqq. Mill-atti tal-kawża joħroġ ċar li n-notifika tal-imsemmi att saret fl-indirizz mogħti mill-istess appellanti minn uffiċjal eżekuttiv tal-qorti personalment. Ħareġ ukoll li l-imsemmija notifika saret aktar minn għaxart ijiem qabel is-smigħ tal-appell. Mix-xiehda ta' Joseph Cutajar (li laqa' għandu n-notifika tal-avviż) ħareġ ukoll li n-notifika tal-atti ġudizzjarji marbuta ma' *AJD* u ma' ditti jew kumpanniji oħrajn fil-grupp issir f'dak il-post. Xehed ukoll li malli ngħata f'idejh l-avviż ħallieh imdendel biex jarawh id-diretturi. Dawn iċ-ċirkostanzi lkoll jixhdu li n-notifika saret kif imiss. Fit-tieni lok, l-argument tan-nuqqas ta' siwi tan-notifika jitwaqqa' minn *AJD* innifisha billi, dakinhar li ssejjaħ l-appell, dehru żewġ rappreżentanti tagħha quddiem il-qorti li kkonfermaw in-notifika, u wkoll mir-rikors innifsu li fih *AJD* tgħid li d-diretturi ma kellhomx żmien biżżejjed minn dakinhar tan-notifika biex jikkomunikaw mal-avukati tagħhom u jirregolaw irwieħhom dwar il-ħlas tal-kawtela."

»Il-kwistjoni dwar il-validità *o meno* tan-notifika kif jirriżulta mill-paragrafu preċedenti kienet ġà giet trattata mill-Qorti tal-Appell. Ġala-darba l-Qorti tal-Appell kienet ġà ttrattat u sabet li n-notifika kienet waħda kif imiss, din il-qorti m'għandhiex għalfejn tinoltra *oltre* ruħha fl-eżami tal-validità tan-notifika. Isegwi għalhekk li huwa minnu li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ġie mħarrek inutilment fir-rikors odjern. Għaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost din il-qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' din it-tieni eċċezzjoni preliminari u tiddikjara li r-reġistratur m'huwiex il-leġittimu kontraddittur u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

»… … …

»Ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd allaċċjata mar-raba' talba tas-soċjeta rikorrenti**:**

»Is-soċjetà rikorrenti *AJD Tuna Limited* fir-raba' talba tagħha tilmenta minn ksur tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea partikolarment l-

artikolu 47 – id-dritt għal aċċess għall-qorti nnifsu – u l-artikolu 52 – użu sproporzjonat ta' teknikalità proċedurali – tal-imsemmija Karta.

»Da parti tagħhom l-intimati fir-raba' eċċezzjoni tagħhom … eċċepew illi b'referenza għall-allegat ksur tal-artikoli 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea, il-vertenza odjerna hija dwar ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali riżultanti minn azzjonijiet tal-qrati maltin u *cioè* kif il-qrati maltin interpretaw u applikaw il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux kif ġiet interpretata u applikata l-liġi ewropea. Isostnu li konsegwentament l-azzjoni a bażi tal-Karta hija improponibbli.

»Il-qorti … tiddikjara li taqbel perfettament mal-argumenti tal-intimati …

»Jibda biex jiġi nnutat li l-artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jindika x'inhu l-kamp ta' applikazzjoni tal-istess Karta. Jaqra illi:

> »"1. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati.
>
> »"2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni jew ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati."

»Minn qari ta' dan l-artikolu jinsorġi li d-disposizzjonijiet tal-Karta huma intiżi għall-istati membri biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni. Hekk di fatti ngħad fid-deċiżjoni <u>*Eurosaneamientos SL* and Others *v ArcelorMittal Zaragoza SA*</u> *and* <u>*Francesc de Bolos Pi v. Urbaser S*</u>[1] kwotata mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom. Ingħad illi:

> »"54 In the context of the present requests for a preliminary ruling, the national legislation at issue in the main proceedings governs, in general, certain fees connected with the administration of justice. It is not intended to implement provisions of EU law. In addition, EU law does not contain any specific rules in that area or any which are likely to affect that national legislation (see, to that effect, judgment of 27 March 2014, <u>*Torralbo Marcos*</u>, C-265/13, EU:C:2014:187, paragraph 32).
>
> »"55 It is not apparent from the orders for reference that the subject matter of the disputes in the main proceedings fall within the scope of EU law (see, by analogy, judgment of 22 December 2010, <u>*DEB*</u>, C-279/09, EU:C:2010:811, paragraphs 28 and 29, and, to that effect, order of 28 November 2013, <u>*Sociedade Agrícola e Imobiliária da Quinta de S. Paio*</u>, C-258/13, EU:C:2013:810, paragraph 23).

---

1 »Kawżi C-532/15 u C-538/15 «

> »“56 In those circumstances, it is clear that the Court does not have jurisdiction to answer the third question in Case C-532/15 and the fifth question in Case C-538/15 referred by the *Audiencia Provincial de Zaragoza* (Provincial Court, Zaragoza) and the *Juzgado de Primera Instancia de Olot* (Court of First Instance, Olot) respectively.”

»L-istess ingħad fid-decizjoni Teresa Cicala *v. Regione Siciliana*[2] kkwotata wkoll minn l-istess intimati fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħhom illi:

> »“20 In this instance, it is common ground that the action in the main proceedings concerns provisions of national law that apply in a purely national context and among them, in particular, those relating to the stating of reasons for administrative acts are at issue in that action.
>
> »“…
>
> »30 It follows from all the foregoing considerations that the Court does not have jurisdiction to answer the questions referred by the *Corte dei Conti*, *sezione giurisdizionale per la Regione Siciliana*, having regard to the subject-matter of those questions.”

»Fil-każ odjern, l-kwistjoni tittratta n-nuqqas ta’ ħlas tal-garanzija imposta mil-liġi fejn, fis-seduta tal-30 ta’ Ġunju 2020 quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet *AJD Tuna Limited v.* Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd *et* irriżulta li s-soċjetà rikorrenti *AJD Tuna Limited* kienet ġiet notifikata bil-kawtela u l-avviż tas-smigħ fid-19 ta’ Ġunju 2020 però baqgħet ma ħallsitx il-kawtela kif rikjest mil-liġi bil-konsegwenza li l-appell ġie dikjarat deżert. Is-soċjetà rikorrenti intavolat rikors fejn talbet li l-imsemmi digriet jiġi mħassar u l-Qorti tal-Appell tiffissa terminu ġdid għall-ħlas tal-kawtela biex terġa’ tqiegħed l-appell għas-smigħ. Madanakollu permezz tad-digriet tal-24 ta’ Awissu 2020 il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba u kkonfermat id-digriet ta’ deżerzjoni mogħti waqt is-seduta tat-30 ta’ Ġunju 2020. Is-soċjetà rikorrenti għalhekk fetħet il-kawża odjerna fis-sede kostituzzjonali fejn qed tilmenta li ħassitha aggravata bil-provvedimenti msemmija tat-30 ta’ Ġunju 2020 u tal-24 ta’ Awissu 2020 mogħtija in konformità mal-artikolu 249 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u tallega li dawn jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

»Fil-każ odjern, kif jirriżulta, l-ilment m’huwiex dwar implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni però implimentazzjoni tal-liġi domestika u *cioè* tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, partikolarment l-artikolu 249 li jitratta l-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża. L-artikolu 249 qiegħed sabiex jiġi salvagwardjat partikolarment l-interess tal-partijiet, tal-avukati, kif ukoll tal-qorti bl-obbligu fuq din tal-aħħar li tisma’ l-appell. Għaldaqstant fid-dawl ta’ dak suespost il-qorti tqis li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni m’hijiex applikabbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u ser tgħaddi sabiex tilqa’ din ir-raba’ eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-direttur u konsegwentament tiċħad ir-raba’ talba tas-soċjetà rikorrenti fil-parti fejn hija relatata mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

[2] »Kawża C-482/10 «

»Ir-rikors odjern huwa msejjes fuq iż-żewġ provvedimenti li ngħataw mill-Qorti tal-Appell datati 30 ta' Ġunju 2020 u 24 ta' Awissu 2020 fil-kawża bir-rikors ġuramentat numru 1210/2008 … … …

»Il-provvediment datat 30 ta' Ġunju, 2020 iddikjara l-appell tas-soċjetà rikorrenti bħala deżert *stante* li l-kawtela ma kinitx ġiet imħallsa preċedentement għas-seduta tat-30 ta' Ġunju 2020 kif kien jistipula l-artikolu 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-provvediment tal-24 ta' Awissu 2020 ingħata wara rikors tas-soċjetà rikorrenti sabiex jiġi revokat id-digriet preċedenti *contrario imperio* liema rikors ma ġiex miqlugħ u reġa' ġie kkonfermat d-digriet tat-30 ta' Ġunju 2020.

»Is-soċjeta' rikorrenti tilmenta li dawn iż-żewġ provvedimenti jiksru d-drittijiet fundamentali tagħha anki *in vista* tad-dewmien sabiex ġie appuntat l-appell (aktar minn ħames snin wara) u l-għaġla fil-mument li ġie appuntat. Għalhekk din il-qorti ser tgħaddi sabiex teżamina wieħed wieħed id-drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti li allegatament ġew miksura.

Talba numru 1 u talba numru 2 – Vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea:

Talba numru 1:

»Permezz tal-ewwel talba s-soċjetà rikorrenti *AJD Tuna Limited* titlob li jiġi dikjarat li bil-fatt li l-appell fil-kawża bir-rikors numru 1210/2008 dam madwar ħames snin biex ġie appuntat kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tal-esponenti kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

»L-intimati Avukat tal-Istat u d-direttur fis-seba' eċċezzjoni tagħhom jeċċepixxu li ma saret l-ebda leżjoni ta' xi dritt sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Imbagħad fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jespandu billi jargumentaw li l-argument tas-soċjetà rikorrenti in konnessjoni mad-dewmien qiegħed isir sabiex jiġi ġġustifikat in-nuqqas ta' ħlas tal-kawtela.

»Dan fis-sens li l-kawtela ma tħallsitx fil-hin għaliex allegatament ġiet mifxula ma' kawża oħra li kienu għadhom kif intavolaw u li kienet bl-istess isem.

»Il-qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimati u *cioè* li l-argument prinċipali tas-soċjetà rikorrenti fuq id-dewmien huwa konness direttament man-nuqqas ta' ħlas tal-kawtela u tal-konfużjoni li nħolqot meta ftit jiem qabel kienet ġiet intavolata kawża ohra fl-istess ismijiet. … … …

»Madanakollu l-qorti ma temminx li effettivament id-dewmien biex ġie appuntat l-appell kien il-kaġun li wassal sabiex ikun hemm in-nuqqas ta' ħlas tal-kawtela. In fatti jekk tingħata ħarsa lejn l-argumenti avvanzati mis-soċjetà rikorrenti jirriżulta li prinċipalment kien hemm żewġ argumenti u *cioè* l-ewwel waħda dik li n-notifika ma saritx kif imiss. Is-soċjetà rikorrenti targumenta li n-notifika tal-avviż tas-smigħ u tal-ħlas tal-kawtela ngħata f'idejn Joseph Cutajar, ħaddiem ta' soċjetà diversa *Azzopardi Fisheries*, liema karta waslet ftit jiem wara għand Charles Azzopardi. Madanakollu mid-deposizzjoni ta' Joseph Cutajar fil-mori tal-appell bir-rikors numru 1210/2008 jirriżulta li effettivament

dan il-ħaddiem kien waħħal il-karta tal-qorti dakinhar stess mal-*board* fl-uffiċċju tad-direttur. Għalhekk għalkemm effettivament il-karta ngħatat f'idejn ħaddiem ta' soċjetà diversa, xorta jirriżulta li n-notifika waslet fl-uffiċċju tad-direttur. Dan apparti li għalkemm il-ħaddiem huwa impjegat ma' soċjetà diversa, u *cioè Azzopardi Fisheries*, din is-soċjetà għandha l-istess diretturi u l-istess uffiċini ta' *AJD Tuna Limited*. Għalhekk il-qorti ma tqisx li dan l-argument ireġi.

»Din il-qorti lanqas temmen li d-dewmien kien ir-raġuni li wassal għal konfużjoni bejn l-appell u l-kawża li kienet għadha kif ġiet intavolata ftit jiem qabel. Di fatti Charles Azzopardi – *managing director* tal-kumpannija – fix-xiehda tiegħu mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2021 ma jgħidx li huwa fixkel dan l-avviż tas-smigħ u l-ħlas tal-kawtela tal-appell 1210/08 mal-avviż tal-kawża 425/20. Però jindika li l-avviż tas-smigħ u l-ħlas tal-kawtela ġie f'idejh il-Ġimgħa (*cioè* ġimgħa wara li ġie notifikat) u kien dakinhar li għadda kopja lill-avukat ta' fiduċja tiegħu. Hekk jixhed illi:

> »"Dr John Refalo: Quddiem il-Qorti tal-Appell. Issa tista' tiftakar ftit iċ-ċirkostanzi ta' dik in-notifika li rċevejtu x'kienet?
>
> »"Xhud: Jiena niftakar qisu l-bieraħ: irċevejna, kelli notifika quddiemi l-Ġimgħa u ċempilt lilek jew bgħattlek *Whatsapp* u għidtlek li għandna din il-kawża biex immorru nħallsuha u *unfortunately* t-Tnejn kienet festa, kienet l-Imnarja għax aħna ġejna biex inħallsu. Meta gejna t-Tlieta filgħodu kien tard wisq.
>
> »"Dr John Refalo: Jiġifieri ha nipprovaw nispjegawha b'mod li huwa, intom irċevejtu l-avviż biex tħallsu n-notifika, biex tħallsu?
>
> »"Xhud: Iva kienu xi *one thousand euro*.
>
> »"Qorti: Biex tħallsu l-kawtela.
>
> »"Dr John Refalo: Biex inħallsu l-kawtela. Issa ftit qabel, fi ġranet qabel ma rċevejt il-kawtela, intom kontu ppreżentajtu kawża oħra?
>
> »"Xhud: Fl-istess perjodu kellna kawża oħra li kellna gaġeġ tat-tonn bl-istess kumpannija u bl-istess direttur fejn kellna żewġ gaġeġ *on tow* u min jgħid irridu nħarrbuhom u min jgħid irridu nżommuhom u kienu fl-istess perjodu.
>
> »"Dr John Refalo: Kien hemm kawża bin-numru 425/2020 … … …
>
> »"Dr John Refalo: Nissuġġerilek illi jirriżulta mid-dokument illi din il-kawża ppreżentajtuha f'nofs Ġunju.
>
> »"Xhud: Iva naqbel. ...

»Minn dak li xehed Charles Azzopardi jirriżulta li effettivament in-nuqqas ta' ħlas tal-kawtela ma sarx konsegwenza tad-dewmien, però tort tiegħu stess meta huwa dam ma ħa konjizzjoni tal-avviż tal-ħlas tal-kawtela li kien imdendel fl-uffiċċju tiegħu. Għalhekk din il-qorti tqis li dan l-argument ukoll ma jreġix.

»Dan premess, għalkemm kif ġà ngħad is-soċjetà rikorrenti użat l-argument tad-dewmien prinċipalment sabiex tiġġustifika n-nuqqas ta' ħlas tal-kawtela, fid-dawl tal-ewwel talba din il-qorti xorta ser tinvestiga jekk effettivament kienx hemm dewmien fejn il-kawża 1210/08 damet tistenna sabiex tiġi appuntata quddiem il-Qorti tal-Appell. Għalkemm jingħad li jekk effettivament jirriżulta li kien hemm dewmien dan bl-

ebda mod ma jista' jservi ta' skużanti għan-nuqqas ta' ħlas tal-kawtela u dan għar-raġunijiet ġà suesposti.

»Għall-iskop tal-każ odjern, il-parti l-aktar ta' rilevanza mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa s-sub-artikolu (2) illi jipprovdi kif isegwi:

> »"(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.'

»Mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem l-aktar parti rilevanti hija kif isegwi:

> »1. Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."

»Jirriżulta li l-appell tal-kawża bir-rikors ġuramentat numru 1210/08 li dwaru s-soċjetà rikorrenti qed tilmenta fl-ewwel talba minħabba dewmien ġie intavolat fir-reġistru fid-19 ta' Awissu 2015 filwaqt li r-risposta tal-appell tal-intimati Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Ġenerali ġiet ippreżentata fis-7 ta' Settembru 2015. L-appell ġie appuntat għal nhar it-30 ta' Ġunju 2020 u ġie notifikat lil *AJD Tuna Limited* nhar id-19 ta' Ġunju 2020. Għalhekk it-tul taż-żmien bejn il-preżentata tal-appell u l-appuntament tas-smigħ tal-appell jirriżulta li huwa dak ta' erba' snin, għaxar xhur u hdax-il ġurnata.

»… … …

»Fil-każ odjern, l-ilment huwa fuq id-dewmien sabiex jiġi appuntat l-appell mid-deċiżjoni tal-ewwel istanza. … … …

»… … …

»Fil-każ odjern jirriżulta li mid-data tal-intavolar tal-appell sal-appuntar tal-istess appell għaddew 'il fuq minn erba' snin, għaxar xhur u ħdax-il ġurnata u fil-mori ma kien qed jiġri xejn għajr li l-appell kien qed jistenna fil-kju sabiex jiġi appuntat. Din il-qorti tqis li dan il-perijodu fil-kju huwa wieħed pjuttost twil meta komparat ma' żminijiet oħra fejn l-appelli quddiem l-istess qorti kienu jieħdu ferm anqas biex jiġu appuntati. Din il-qorti temmen li dan id-dewmien ma kienx riżultat ta' ineffiċjenza tal-Qorti tal-Appell, però kien riżultat fost oħrajn ta' bosta nuqqasijiet fis-sistema ġudizzjarja kif stabilita mill-istat, inkluż numru limitat ta' ġudikanti li mhumiex biżżejjed biex ilaħħqu max-xogħol kollu li jidhol fil-qrati, inkluż fil-Qorti tal-Appell, kif ukoll nuqqas mhux żgħir ta' ħaddiema kwalifikati fil-qrati li jgħinu sabiex il-proċeduri jkunu jistgħu jimxu b'aktar speditezza, inklużi *clerks*, deputati u anki avukati tal-qorti. Tant kienu evidenti dawn in-nuqqasijiet li malli ġiet krejata t-

tielet sezzjoni tal-Qorti tal-Appell iż-żmien li wieħed jistenna sabiex appell jiġi appuntat naqas għalkemm xorta għadu wieħed twil.

»*In vista* ta' dak kollu suespost din il-qorti tqis li l-ilment tar-rikorrenti dwar id-dewmien sabiex ġie appuntat l-appell huwa ġustifikat u għal-hekk ser tgħaddi sabiex tiddikjara ksur tad-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in relazzjoni mad-demwien sabiex jiġi appuntat l-appell. Din il-qorti tqis li bħala danni għandha takkorda *arbitrio boni viri* s-somma ta' tlett elef euro (€3,000).

»Talba numru 2:

»Fit-tieni talba tagħha s-soċjetà rikorrenti tilmenta li l-provvedimenti tat-30 ta' Ġunju 2020 u tal-24 ta' Awissu 2020 fil-kawża fl-ismijiet *AJD Tuna Limited v.* Direttur tal-Agrikoltura *et* jilledu d-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea.

»Jibda billi jingħad dwar l-artikolu 47 tal-Karta, fil-paragrafi preċedenti preċizament taħt is-sezzjoni 'Ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd:' ġà ġie deċiż li fil-każ odjern il-Karta ma tapplikax.

»Għaldaqstant dik il-parti tat-talba relatata mal-artikolu 47 ser tiġi miċħuda.

»Dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali konsegwenza tal-provvedimenti rilaxxati mill-Qorti tal-Appell, is-soċjetà rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tindika li l-ilment tagħha huwa limitat għas-sub-inċiż 2 tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għas-sub-inċiz 1 tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li ġà ġew kwotati fis-sezzjoni preċedenti.

»Fil-fehma ta' din il-qorti l-provvedimenti rilaxxati mill-Qorti tal-Appell ma jiksrux is-sub-inċiż 2 tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u s-sub-inċiż 1 tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana *stante* li kull ma għamlet il-qorti kien li ottemperat ruħha ma' dak li tgħid il-liġi *ai termini* tal-artikolu 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-fatt li s-soċjetà rikorrenti *AJD Tuna Limited* ma ngħatatx smigħ mill-Qorti tal-Appell *stante* deżerzjoni kienet unikament riżultat tan-nuqqas ta' osservanza tal-liġi tal-proċedura da parti tas-soċjetà rikorrenti nfisha li naqset li tħallas il-kawtela fiż-żmien stipulat fil-liġi. Din il-qorti taqbel perfettament mal-argument avanzat mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tal-24 ta' Awissu 2020 kif isegwi:

> »"Il-qorti tagħraf li *AJD* targumenta li, bis-saħħa tad-digriet tad-deżerzjoni tal-appell tagħha, l-appell tagħha kellu jieqaf. Madankollu, l-ilment tagħha li dak id-digriet ġabilha ħsara fil-jedd tagħha għal smigħ xieraq kien jista' jkun jgħodd kieku r-raġuni li wasslet għall-imsemmi digriet ma kinitx ġejja minn imgibietha stess."

»Għaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost il-qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad ukoll din it-tieni talba.

»Talba numru 3 - Vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

»Permezz ta' din it-talba, is-soċjetà rikorrenti *AJD Tuna Limited* titlob dikjarazzjoni li l-provvedimenti mogħtija mill-Qorti tal-Appell jilledu d-

drittijiet tagħha kif sanċiti mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem billi ġabu fix-xejn id-dritt ta' azzjoni li s-soċjetà rikorrenti kellha u dan mingħajr l-ebda interess pubbliku.

»L-intimati Avukat tal-Istat u d-Direttur fil-ħdax-il eċċezzjoni jsostnu li l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll mhux applikabbli *stante* li d-dritt proċedurali tal-appell la huwa xi dritt patrimonjali u lanqas xi possediment ai finijiet ta' dak l-artikolu.

»… … …

»Il-mertu tal-kawża odjerna bl-ebda mod ma jittratta t-tgawdija ta' possedimenti mobbli jew immobbli jew ta' xi dritt patrimonjali però jittratta d-dritt proċedurali ta' appell. Għalkemm dan il-provvediment tul is-snin ingħata interpretazzjoni pjuttost wiesgħa l-qorti ma tqisx li dan jista' jiġġebbed tant sabiex jinkludi fih proċedura ta' appell. Għal-daqstant, fid-dawl li din il-qorti ma' tqisx li d-dritt ta' appell ma jaqax [*recte*, ma tqisx li … jaqa'] taħt waħda mill-kategorij msemmija kif issostni r-rikorrenti, jirriżulta li l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni mhux applikabbli għall-każ odjern u ser tgħaddi sabiex tiċħad ukoll din it-tielet talba.

»Il-ħames talba:

»Fil-hames talba s-soċjetà rikorrenti titlob li jiġi dikjarat li l-provvedimenti huma nulli u *ultra vires* billi l-artikoli tal-liġi dwar il-ħlas tal-kawtela m'humiex applikabbli fl-ambitu ta' kawża promossa f'qorti maltija u li fiha kienu qegħdin jigu mistħarrga l-obbligi u r-respons-abbilitajiet tal-awtoritajiet maltin konċernati a bażi ta' liġijiet ewropej.

»Il-qorti rat li l-artikolu 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jagħmel l-ebda distinzjoni fil-ħlas tal-garanzija però r-regola hija applikabbli bl-istess mod f'kull każ irrispettivament mill-mertu. Infatti jekk tingħata ħarsa lejn kif kien l-artikolu 249 tal-Kapitolu 12 qabel l-emendi introdotti bl-Att XXXII tal-2021 jirriżulta li l-qorti [*recte*, il-liġi] kienet tagħmel unikament referenza għar-rikors maħluf in ġenerali bl-ebda differenza in konnessjoni mal-mertu tal-rikors maħluf. Għalhekk l-allegazzjoni avanzata fil-ħames talba li l-provvedimenti huma nulli u *ultra vires* hija waħda fiergħa għall-aħħar. Għaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost il-qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad din it-talba.

»Is-sitt talba:

»Is-soċjetà rikorrenti fis-sitt talba titlob li l-qorti tgħaddi sabiex tħassar u tirrevoka l-provvedimenti tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Ġunju 2020 u tal-24 ta' Awissu 2020 fil-kawża biċ-ċitazzjoni numru 1210/08 … u tordna t-tqegħid mill-ġdid tal-kawża fuq il-lista għas-smigħ tal-kawżi.

»Fl-analiżi tar-rikors odjern ma rriżultax lil din il-qorti li l-provvedimenti tal-Qorti tal-Appell kienu leżivi tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti. Huwa biss id-dewmien sabiex ġie appuntat l-appell li nstab leżiv tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà ikorrenti. Lanqas ma rriżulta li l-provvedimenti kienu *ultra vires* jew kienu nulli. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan il-qorti tgħaddi sabiex tiċħad din is-sitt talba fl-interezza tagħha.«

10. L-attriċi appellat b'rikors tas-16 ta' Frar 2022 u talbet illi din il-qorti:

»tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali;

»tiċħad ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd;

»tiċħad il-bqija tas-seba' eċċezzjoni u b'hekk jiġi li tiċħadha fl-interità tagħha (u mhux biss parzjalment kif jingħad fis-sentenza appellata);

»tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd;

»tilqa' l-bqija tas-seba' talba u b'hekk jiġi li tilqagħha interament u mhux biss limitatament kif jingħad fis-sentenza appellata, u tillikwida wkoll kumpens f'ammont superjuri għal tlett elef euro (€3,000);

»tilqa' l-kumplament tat-talbiet tas-soċjetà esponenti numerati 2 sa 6 u b'hekk jiġi li tilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà esponenti numerati 1 sa 7 fl-interezza taghhom, u tagħmel kull dikjarazzjoni u tagħti kull ordni jew provvediment meħtieġ sabiex tiżgura t-twettiq u ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-esponenti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati.«

11. L-Avukat tal-Istat u d-Direttr tal-Agrikultura u Sajd, illum Direttur Ġenerali tas-Sajd u l-Akkwakultura, wieġbu flimkien fit-3 ta' Marzu 2022 u r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, wieġeb fis-17 ta' Mejju 2022. Ilkoll talbu illi l-appell jiġi miċħud.

12. L-ewwel aggravju jgħid hekk:

»… . … is-sentenza appellata, filwaqt li sabet li d-dewmien ta' kważi ħames snin biex jiġi appuntat l-appell 1210/2008 għas-smigħ kien jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponenti għal smigħ xeraq, naqset li tqis il-konsegwenzi u effetti kollha ta' dak l-istess dewmien u b'hekk spiċċat biex inġustament ċaħdet il-bqija tat-talbiet tal-esponenti. Bil-kawża odjerna l-esponenti qed tillamenta li mhux biss soffriet vjolazzjoni tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq minabba d-dewmien innifsu fis-smigħ tal-appell, iżda qed tillamenta wkoll mill-fatt illi dak id-dewmien ippreġudika serjament il-pożizzjoni tal-esponenti u kkrea sitwazzjoni fejn addirittura l-appell tal-esponenti spiċċa waqa' deżert. … … …

»… … …

»Huwa evidenti illi li kieku l-appell ġie appuntat fi żmien raġonevoli ma kien ser jiġri qatt li s-soċjetà esponenti tikkonfondi kawża ma' oħra u tispiċċa ma tirrikonoxxix il-portata ta' dokumenti riċevuti mill-qorti. Wieħed jista' faċilment jinkwadra sitwazzjoni fejn persuna li jkollha aktar minn kawża waħda pendenti u li tkun ilha snin sħaħ ma tisma' aħbar dwar kawża minnhom, meta tirċievi dokument mill-qorti ħsiebha jmur għall-kawża li tkun għadha kemm fetħet riċentement u li tkun qed tistenna li ser tiġi appuntata, u mhux għal kawża li l-appell tagħha jkun diġà ilu li sar kważi ħames snin. Dan ifisser li wieħed ma jistax iħares

b'mod kliniku u sempliċistiku lejn il-fatt tad-dewmien waħdu, u jgħid li kien hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq għaliex l-appell ma ġiex appuntat fi żmien raġonevoli u jieqaf hemm. Il-konsegwenzi ta' dak id-dewmien f'każ bhal dak odjern huma ħafna aktar wiesa' u gravi minn hekk. Il-punt kollu huwa li meta wieħed iqis il-koinċidenza tal-fatti kif ġraw, b'żewġ kawżi bl-istess partijiet li faċilment l-esponenti tikkonfondi ruħha waħda mal-oħra, u l-fatt li l-esponenti wrew ir-rieda u disponibilità sħiħa li jħallsu l-kawtela dakinhar stess tal-ewwel dehra quddiem il-Qorti tal-Appell, wieħed ma jistax ma japprezzax il-fatt li d-dewmien tal-qrati u tar-reġistratur li jappuntaw l-appell għas-smigħ fi żmien raġonevoli u li jinnotifikaw lill-appellant bl-avviż tal-kawtela u jagħtuha żmien raġonevoli biex tħallas l-istess wassal biex effettivament l-esponenti kompletament innoċentement ma ħallsux il-kawtela qabel dakinhar tal-ewwel dehra. Mhux fl-ispirtu tal-garanzija għal smigħ xieraq li kawża fi stadju ta' appell titħalla rieqda għal kważi 5 snin sħaħ u mbagħad l-appellant ħabta u sabta jirċievi avviż biex f'temp ta' ftit ġranet jagħmel ħlas fir-reġistru. U lanqas huwa fl-ispirtu tad-dritt għal smigħ xieraq li l-konsegwenza tan-nuqqas ta' ħlas fil-pront tkun li addirittura jintilef id-dritt ta' appell. Li kieku r-reġistratur jibgħat l-avviż tal-ħlas tatl-kawtela fi żmien raġonevoli wara l-appell, u bi preavviż deċenti qabel is-smigħ, is-sitwazzjoni tkun waħda differenti. Imma hawnhekk għandna każ fejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma seħħilhiex tagħti smigħ fi żmien raġonevoli iżda fl-istess ħin hija mxiet b'mod drakonjan mal-appellanti bħala parti fil-kawża, imponiet fuqu termini stretti ħafna u esiġiet li jikkonforma ruħu magħhom mingħajr ma kienet lesta tikkunsidra ebda raġuni kwalsijasi għan-nuqqas. L-ewwel qorti bl-akbar rispett ħarset biss lejn id-dewmien għall-appuntament tal-appell u ma kkalukatx il-konsegwenzi li dak id-dewmien ġab miegħu. L-ewwel qorti qalet li ma kienet qed tara l-ebda ness ta' kawżalità bejn il-fatt li kien hemm dewmien fl-appuntament tal-appell għas-smigħ u l-fatt li l-kawtela ma tħallsitx. Hawnhekk bl-akbar rispett l-appellanti tgħid li s-sentenza appellata naqset li tikkonsidra ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ … … … Injorat kompletament il-fatt li d-direttur tas-soċjetà esponenti ikkonferma bil-ġurament il-fatt li kien għadu kif intavola kawża ġdida fl-istess ismijiet meta ftit jiem wara ntbagħat l-avviż tas-smigħ tal-appell fil-kawża numru 1210/2008.

»F'dan il-kuntest kollu ta' min jirrileva wkoll li riċentement u *cioè* bis-saħħa tal-Att XXXII tal-2021 ġie emendat l-art. 249 tal-Kap.12 u llum il-ġurnata, jiġifieri biss sena wara li l-appell tal-esponenti mar deżert, il-liġi tagħti ben tliet xhur lill-appellant biex iħallas il-kawtela. … … … Din il-bidla fil-liġi ċertament li tindika li l-liġi nbidlet proprju għaliex kien hemm il-ħtiega li tinbidel minħabba li l-proċedura dwar il-ħlas tal-kawtela u t-termini qosra abbinati magħha ma kinux qed iwasslu għal ġustizzja mal-partijiet fil-kawża. Dan kollu kellu jingħata piż importanti fl-eżerċizzju li kellha tagħmel il-qorti li tevalwa jekk id-deżerzjoni tal-appell tal-esponenti kinitx tikkostitwixxi ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq.

»Huwa evidenti li d-dilungar fl-appuntament tal-appell għas-smigħ wassal għal konfuzjoni u finalment wassal biex l-appell tal-esponenti jmur deżert. Huwa evidenti li, meta jgħaddi tant żmien mingħajr ma wieħed ikun sema' ebda aħbar dwar il-kawża, huwa aktar faċli li ma jintebaħx bil-portata ta' xi dokument li wasallu wara ħames snin jew li addirittura, kif gara f'dan il-każ, li jispiċċa jikkonfondi kawża ma' oħra,

u huwa ben evidenti illi kien id-dewmien da parti tal-Qorti tal-Appell stess li wassal biex l-esponenti tfixklu u ma seħħilhomx jiddepożitaw il-kawtela qabel it-30 ta' Ġunju 2020. Li kieku ma kienx għal dak id-dewmien ċertament li l-esponenti ma kinux sejrin jispiċċaw fis-sitwazzjoni li qegħdin fiha llum, u m'huwiex ġust li konsegwenza tad-dewmien fil-kawża spiċċaw biex tilfu d-dritt ta' azzjoni nnifsu. Għalhekk jirriżulta li l-esponenti ġarrbu ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artlkolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-aktar rimedju f'loku għal din il-vjolazzjoni tkun li l-kawża numru 1210/2008 terġa' titpoġġa fuq il-lista u l-provvedimenti dwar id-deżerzjoni jiġu mħassra. Dan għaliex ir-rimedju li jingħata għandu jkun tali li kemm jista' jkun ipoġġi lill-vittma fil-pożizzjoni li kienet tkun fiha li kieku dik il-vjolazzjoni ma seħħitx, u ċertament li l-esponenti ma tistax titpoġġa f'pożizzjoni bħal dik min-għajr ma tingħata ċ-ċans li l-appell tagħha jerġa' jinstema'.

»Jiġi rilevat ukoll illi t-talba tal-esponenti biex hija terġa' titpoġġa fl-istess pożizzjoni li kienet qabel ma seħħ il-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha mhix xi novità f'kawżi ta' dan il-ġeneru. Issir referenza għall-kawża <u>Ruggier *v.* Ruggier</u> mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2009 fejn minħabba ksur tad-dritt għal smigħ xieraq tħassret sentenza (li altrimenti kienet tkun finali) li kienet ingħatat ben 15-il sena qabel, u l-partijiet reġgħu tpoġġew fil-pożizzjoni li kienu qabel ingħatat dik is-sentenza. F'dik il-kawża l-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet hekk:

> »"tiddikjara li bis-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Novembru 1994 fil-kawża ċitaz. nru 749/94 … ġie vjolat id-dritt tal-istess appellanti konjuġi Ruggier għal smigħ xieraq kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; konsegwentement tannulla u tħassar għal kollox l-imsemmija sentenza tal-14 ta' Novembru 1994, kif ukoll l-atti l-oħra kollha relattivi u sussegwenti u senjatament l-atti li bihom intalbet l-esekuzzjoni tal-istess sentenza, u b'hekk tqiegħed lill-partijiet f'dik il-kawża ezattament fil-pożizzjoni li kienu fiha fil-31 ta' Mejju 1994, data meta ġiet pprezentata l-kawża relattiva."

»Ta' min isemmi wkoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Marzu 2005 fil-proċeduri fl-ismijiet '<u>Wara r-rikors tal-Każin tal-Banda ta' San Leonardo ta' Ħal Kirkop</u> … … … fejn ukoll tħassret sentenza li kienet ingħatat tmien snin qabel, minħabba li l-istess imħallfin li kienu ddeċidew il-mertu kienu wkoll iddeċidew jekk kienx hemm lok tar-ritrattazzjoni tas-sentenza mogħtija minnhom stess. Dawn iż-żewġ eżempji juru biċ-ċar illi fejn sentenza tkun ingħatat bi ksur tad-drittijiet fundametali ta' xi waħda mill-partijiet, hemm ċirkostanzi fejn ir-rimedju għal dak il-ksur bilfors ikun it-tħassir tas-sentenza u l-partijiet jerġgħu jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni li kienu fiha qabel ma ngħatat dik is-sentenza leżiva. Il-fatt li b'dan il-mod jerġa' jinfetaħ proċediment li qabel kien meqjus eżawrit u mitmum ma waqqafx lill-Qorti Kostituzzjonali milli tagħti r-rimedju opportun biex il-vjolazzjoni tiġi spurgata.«

13. Għandu jingħad qabel xejn illi, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, il-kwistjoni jekk l-attriċi kinitx notifikata tempestivament bl-avviżi tas-smigħ u

tal-kawtela hija kwistjoni li ġiet determinata mill-Qorti tal-Appell meta tat id-dikriet ta' deżerzjoni, u għalhekk ma għandhiex terġa' tinfetaħ f'dan l-istadju u lanqas kellha tinfetaħ quddiem l-ewwel qorti.

14. Imbagħad, il-fatt illi parti għandha aktar minn kawża waħda pendenti ma jfissirx illi meta tirċievi avviż għanda tassumi li huwa dwar kawża u mhux dwar oħra u għalhekk tagħżel li l-avviż ma taqrahx. L-avviż tal-kawtela ġie f'idejn ir-rappreżentant tal-attriċi tempestivament u kien nuqqas tiegħu jekk għażel li ma jaqrahx b'attenzjoni. L-avviżi kienu juru ċar dwar liema kawża kienu, kienu juru ċar li kienu dwar kawża quddiem il-Qorti tal-Appell, kienu juru ċar meta hija d-data tal-appuntament għas-smigħ u kienu juru ċar li kellu jsir il-ħlas tal-kawtela u sa meta. Ukoll jekk ħaseb li l-avviżi kienu dwar kawża oħra, ir-rappreżentant tal-attriċi kellu biżżejjed biex ikun jaf kemm u meta kellu jħallas. L-attriċi għalhekk ma tistax twaħħal fid-dewmien biex jiġi appuntat l-appell bħala r-raġuni għala l-kawtela ma tħallsitx; ir-raġuni kienet pjuttost in-nuqqqas ta' attenzjoni tar-rappreżentant tagħha, forsi għax kellu moħħu fuq affarijiet oħra, kif wara kollox jingħad f'waħda mill-premmesi tar-rikors maħluf tal-attriċi:

> »… … … fil-mument li ġiet notifikata l-kumpannija appellanti nstabet fl-iktar fażi kruċjali tal-istaġun fejn ikun qiegħed jiddaħħal it-tonn fl-istabbiliment tagħha, operazzjoni li tirrikjedi li l-impjegati u d-diriġenti tagħha jqattgħu ħinijiet twal il-baħar jew barra mill-uffiċċju fuq xogħol. Dawn *del resto* huma fatti fil-ħajja tal-kumpannija appellanti li jirriżultaw anki mill-fatti ta' dan l-appell li jinkwadraw ruħhom preċiżament fl-operazzjonijiet li jsiru fis-sajf biex il-ħut maqbud jiġi mdaħħal fl-istabbilimenti ittiċi.«

15. Iżda dawn l-attivitajiet tal-attriċi ma jfissrux illi r-rappreżentant tagħha ma setax isib il-ħin meħtieġ biex jikkomunika mal-avukat hekk kif jirċievi l-avviżi.

16. L-attriċi tgħid ukoll illi l-avviż ma tahiex żmien biżżejjed. Dan kien forsi jkun minnu li kieku l-kawtela kienet għal somma tant għolja li l-appellanti tkun teħtieġ żmien biex tiġborha, iżda ma tressqet ebda prova ta' dan; anzi d-direttur tal-attriċi jgħid illi l-kawtela kellha tkun ta' madwar elf euro (€1,000) li ċertament ma hijiex somma li l-attriċi ma setgħetx issibha fiż-żmien mogħti għall-ħlas. Il-fatt li llum wara l-emendi magħmula bl-Att XXXII tal-2021 iż-żmien għall-ħlas huwa itwal ma għandux relevanza, għax li jgħodd hu x'kienet tgħid il-liġi fis-seħħ fiż-żmien relevanti.

17. Billi għalhekk hija tal-fehma illi n-nuqqas ta' ħlas kien dovut għal nuqqas tar-rappreżentant tal-attriċi u mhux għad-dewmien fl-appuntament, il-qorti tiċħad dan l-ewwel aggravju.

18. It-tieni aggravju jgħid hekk:

> »… … … l-ewwel qorti naqset kompletament li tikkunsidra l-argumenti miġjuba mill-esponenti. L-esponenti tirrileva illi fiż-żmien li fih saret in-notifika tal-avviż tas-smigħ u ħlas tal-kawtela l-artikolu 249 tal-Kap.12 kien jipprovdi hekk:
>
> > »"… … … il-garanzija għall-ispejjeż għandha ssir u tiġi depożitata fil-qorti fi żmien tnax-il xahar mid-data tan-notifika tal-ammont li għandu jiġi depożitat jew, jekk l-appell għandu jinstama' qabel tnax-il xahar min-notifika hawn imsemmija, mhux aktar tard minn jumejn mid-data stabbilita għas-smigħ ta' dak l-appell."
>
> »Issa għalkemm il-liġi kienet tipprovdi hekk, l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tidher li naqset gravement għaliex il-kawtela nħadmet mhux fi żmien tnax-il xahar kif kienet trid il-liġi iżda addirittura kważi ħames snin wara li ġie intavolat l-appell. Wara dan id-dewmien esaġerat u inġustifikat da parti tar-Reġistratur tal-Qorti, ġara li l-Qorti tal-Appell ippretendiet li fi żmien ftit jiem l-appellant iħallas il-garanzija! Żgur li dan mhux il-kejl li bih għandha timxi l-ġustizzja u ma jistax jingħad li hu ekwu li, wara li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun ħadet żmien tant irraġonevoli biex taħdem il-kawtela li min jirċeviha lanqas jinduna x'inhi għaliex l-appell ma jkunx għadu frisk f'moħħu, imbagħad l-appell jintrema' 'l barra mingħajr ma l-appellanti jingħataw imqar ċans erbgħa u għoxrin siegħa mis-seduta biex iħallsu l-kawtela!
>
> »Jiġi rilevat illi meta l-artikolu 249 kif kien dak iż-żmien kien jitkellem dwar jumejn mid-data stabbilita għas-smigħ tal-appell, dan kien fil-kuntest li s-smigħ isir qabel tnax-il xahar min-notifika tal-ammont tal-kawtela. Għalhekk bl-akbar rispett ġaladarba fil-każ in eżami s-smigħ

> kien appuntat addirittura ħames snin wara li ġie intavolat appell, dak it-terminu ta' jumejn ma kienx applikabbli u kwindi l-Qorti tal-Appell applikat termini li fil-verità skond il-liġi ma kinux jgħoddu għall-każ in eżami u dan wassal biex l-esponenti ma jingħatawx smigħ xieraq u l-appell tagħhom jispiċċa deżert u ma jinstemax. L-ewwel qorti ma għamlet l-ebda aċċenn kwalsijasi għal din is-sottomissjoni tal-esponenti u imkien fis-sentenza appellata ma kkunsidrat dan il-punt, imqar biex tagħti raġunijiet għalfejn setgħet possibilment ma qablitx miegħu.
>
> »*Inoltre* mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat ukoll illi l-artikolu 249 kif kien dak iż-żmien jgħid preċizament hekk: "mhux aktar tard minn jumejn mid-data stabbilita għas-smigħ ta' dak l-appell". Issa din il-frażi aktar tiftehem li tfisser jumejn wara s-seduta iżda jidher li l-Qorti tal-Appell interpretatha b'tali mod li l-ħlas kellu jsir sa jumejn qabel is-seduta u mhux wara. Dan bl-akbar rispett ukoll wassal biex l-esponenti ma jingħatawx smigħ xieraq. Dan il-punt imkien ma ġie trattat fis-sentenza appellata.«

19. Il-liġi ma tgħidx illi l-kawtela għandha tinħadem fi żmien tnax-il xahar mis-sentenza jew minn meta jsir l-appell; li tgħid hu illi l-ħlas għandu jsir fi żmien tnax-il xahar min-notifika, sakemm is-smigħ ma jsirx – kif ġara fil-każ tal-lum – qabel tnax-il xahar min-notifika, u f'dak il-każ il-ħlas isir sa jumejn qabel id-data tas-smigħ. L-aggravju msejjes fuq l-argument illi l-kawtela għandha tinħadem fi żmien tnax-il xahar minn meta jsir l-appell huwa għalhekk imsejjes fuq premessa ħażina.

20. Veru li l-ħtieġa li l-kawtela titħallas fi żmien qasir tista' toħloq urġenza, iżda kif appellanti oħra kien iseħħilhom li jlaħħqu ma' dawn it-termini, hekk ukoll setgħet tlaħħaq l-appellanti, aktar u aktar meta l-ammont ma kienx xi wieħed partikolarment qawwi. Imbagħad, kif rajna, l-appellanti ma ħallsitx mhux għax ma kellhiex biżżejjed żmien, iżda għax ir-rappreżentant tagħha ma qarax sew l-avviż. Ma hux meħtieġ li l-appell ikun "għadu frisk f'moħħu" biex jifhem dwar liema kawża huwa l-avviż; biżżejjed jaqrah b'attenzjoni.

21. L-argument imbagħad illi l-ħlas kellu jsir sa jumejn wara, u mhux qabel, id-data tas-smigħ huwa argument li jolqot interpretazzjoni tal-liġi ordinarja, li kien fil-kompetenza tal-Qorti tal-Appell li tiddeċiedi dwaru, kif għamlet kompatibilment mal-prassi kostanti. Dan tal-lum ma huwiex appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell.

22. It-tieni aggravju huwa għalhek miċħud.

23. It-tielet aggravju jgħid hekk:

> »… … … sorprendentement, l-ewwel qorti kompletament naqset li tqis il-provi u sottomissjonijiet tal-esponenti rigward kawżi oħra fejn fil-fatt il-Qorti talAppell kienet ippermettiet żmien biex titħallas il-kawtela wara l-ewwel smigħ tal-appell. Minkejja li nġabu provi dokumentarji dwar x'ġara f'kawżi oħra, l-ebda aċċenn għalihom ma sar fis-sentenza appellata u l-ewwel qorti la qieset u wisq anqas skartat l-argumenti tas-soċjetà esponenti fir-rigward tal-istess provi. Bl-akbar rispett jiġi rilevat illi, meta wieħed iqis dak li ġara f'kawżi oħra, jirriżulta illi fil-każ tal-esponenti aktar u aktar id-deżerzjoni tidher li ġiet applikata b'mod iebes iżżejjed meta ma kien hemm ebda ħtieġa għal dan. Hekk per eżempju fil-kawża Simon Despott *v. Corinthia Palace Hotel Company Ltd* il-Qorti tal-Appell ivverbalizzat fit-18 ta' Frar 2020 li kienet qed tipposponi l-appell biex tagħti lill-appellant l-opportunità li jmur iħallas il-kawtela, li sal-ħin li nstema' l-appell kienet għadha ma tħallsitx. Fil-kawża Edwin Zammit *et v.* Saviour Casha *et* kien ukoll ingħata provvediment fis-26 ta' April 2021 li fih, wara li tqajmet id-deżerzjoni minħabba nuqqas ta' ħlas tal-kawtela, il-Qorti tal-Appell xorta ma ddikjaratx l-appell deżert u kien biss fis-seduta sussegwenti, meta (wara li ngħata ċans ta' xahrejn) xorta waħda l-kawtela baqgħet ma tħallsitx, li l-Qorti tal-Appell finalment iddikjarat l-appell deżert. Inċidentalment dan il-każ ta' Edwin Zammit ġie ċitat mill-intimati fil-kawża odjerna bħala eżempju fejn appell ġie dikjarat deżert minħabba nuqqas ta' ħlas tal-kawtela, iżda l-intimati naqsu milli jwissu li dik id-deżerzjoni saret biss fit-tieni okkażjoni, jiġifieri wara li l-Qorti tal-Appell kienet diġà tat ċans wieħed għall-ħlas tal-kawtela u l-appellanti dak il-ħlas xorta waħda baqgħu ma għamluhx. Fil-kawża l-oħra ċitata mill-intimati, *London Services Limited v. Sahara Studios Company Limited et* u Joseph Schembri *et v.* Joseph Bartolo *et*, veru li l-appell ġie dikjarat deżert iżda l-appellant mhux biss naqas li jħallas il-kawtela iżda lanqas ippreżenta ruħu għall-appell, a differenza tal-każ odjern fejn ir-rappreżentanti u l-legali tas-soċjetà esponenti dehru għas-seduta u talbu li jingħataw opportunità li jikkawtelaw l-appell tagħhom.
>
> »Aktar minn hekk, jirriżulta li dakinhar stess tat-30 ta' Ġunju 2020 f'kawża oħra quddiem l-istess Qorti tal-Appell fejn il-kawtela kienet għadha ma tħallsitx qabel l-ewwel seduta, il-Qorti tal-Appell ma ddikjaratx l-appell deżert iżda saħansitra ddifferietu għat-trattazzjoni wara li "d-difensur tal-appellant informa lill-qorti li l-kawtela ser titħallas

f'dawn il-jiem" kif hemm imniżżel fil-verbal tal-kawża tat-30 ta' Ġunju 2020 (<u>Piu Borg *et v.* Daniel Orsini</u>). Dan apparti istanzi oħra simili ċitati fil-kors ta' din il-kawża u li l-verbali tagħhom ġew esebiti għall-benefiċċju tal-qorti.

»Huwa inkonċepibbli u bl-akbar rispett addirittura diskriminatorju kif il-Qorti tal-Appell dakinhar tat-30 ta' Ġunju 2020 tat ċans lill-appellanti fil-kawża <u>Borg *v.* Orsini</u> biex iħallsu l-kawtela wara l-ewwel smigħ iżda rrifjutat li tagħti lill-esponenti mqar ftit sigħat ċans biex twettaq il-ħlas dakinhar stess. Ċertament li dan l-atteġġjament ma jista' qatt jikkwalifika bħala smigħ xieraq fil-konfront tal-esponenti.

»Jiġi rilevat illi l-kawtela tal-appell isservi biex tingrana l-interess tal-parti li tkun għamlet l-appell u biex tiżgura li ma jkunx hemm abbuż mis-sistema u hekk jiġu evitati appelli frivoli. Ċertament li l-għan tal-liġi ma kienx li jikkastiga lil min juri li għad għandu interess ġenwin fil-kawża u jrid attivament li jagħmel il-garanzija għall-ispejjeż mitluba mil-liġi, kif urew ampjament l-esponenti mal-Qorti tal-Appell meta mhux biss dehru għall-appell iżda wkoll talbu li jingħataw opportunità jħallsu l-kawtela. Ma huwiex aċċettabbli li persuna titħalla tistenna ħames snin biex l-appell tagħha jinstema', imbagħad ħesrem tiġi rinfaċċata b'emerġenza meta jinħareġ avviż għal smigħ bi ftit ġranet biss a disposizzjoni tal-appellant. Evidentment la l-qorti damet ħames snin biex tappunta l-kawża għas-smigħ evidentment ma jagħmilx sens li mbagħad il-kontiwazzjoni tal-istess kawża titpoġġa fil-perikolu sempliċement minħabba kwistjoni ta' ġurnata waħda. Ma hemm ebda proporzjonalità bejn il-miżura li ġiet adottata u li wasslet biex ir-rikorrenti ġiet imċaħħda mis-smigħ tal-appell tagħha. Wieħed fil-fatt isaqsi x'kienet l-għaġla li wasslet lill-Qorti tal-Appell sabiex tappunta l-kawża għas-smigħ litteralment minn ġurnata għall-oħra wara li għaddew ħames snin mid-data li fiha kien ġie intavolat l-appell? Evidentement il-ħlas tal-kawtela f'dik il-ġurnata tal-ewwel dehra ma kienet ser tagħmel ebda differenza ta' natura prattika lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-miżura tad-deżerzjoni ma kinitx proporzjonali anke għaliex l-istitut ta' deżerzjoni jwassal, fil-grad ta appell, għall-aċċertament finali tal-kwistjoni li tkun tressqet in ġudizzju u ma għandhiex għalhekk twassal għaċ-ċaħda tas-smigħ ħlief f'każijiet estremi.

»Il-ksur tad-dritt tal-esponenti għal smigħ xieraq seħħ mhux biss mil-lat sostantiv fis-sens li l-proċedura adoperata mill-Qorti tal-Appell, kemm fil-fatt li damet ħames snin biex appuntat l-appell għas-smigħ u kif ukoll fil-fatt li ma tatx lill-esponenti ċans iħallsu l-kawtela, iżda seħħ ukoll mil-lat proċedurali fis-sens illi l-aċċess għall-qorti nnifsu ġie nnegat lill-esponenti b'riżultat tal-mod kif imxiet l-istess Qorti tal-Appell. Id-dritt ta' smigħ xieraq jinkludi wkoll id-dritt ta' aċċess għall-qorti u allura d-dritt li l-appell tal-parti jingħata ċans adegwat biex jinstema'. Huwa evidenti li l-mod leġġer li bih il-Qorti tal-Appell ħelset mill-appell tal-esponenti fil-kawża 1210/2008 wassal biex l-aċċess tal-esponenti għall-Qorti tal-Appell ġie mblukkat minħabba raġunijiet frivoli. Id-dritt għal smigħ xieraq jirrikjedi li jingħata aċċess ekwu u adegwat għall-qorti, u għalhekk ma għandux ikun li persuna tispiċċa jkollha l-appell tagħha skartat mingħajr ma jiġi trattat, sempliċement minħabba teknikalità proċedurali applikata b'mod rigidu, inflessibbli u irraġonevoli mill-istess qorti. … … …

»… … …

»Issir referenza wkoll b'mod partikolari għad-deċizjonijiet tal-Qorti Ewropea fi Strasburgu fil-kazijiet Zvolský and Zvolská v. The Czech Republic (12 ta' Novembru 2002) u Miragall Escolano and Others v. Spain (26 ta' Jannar 2000) fejn ingħad hekk: "*The Court consequently considers that the domestic courts' particularly strict interpretation of a procedural rule deprived the applicants of the right of access to a court to have their claims for compensation examined*".

»Huwa ċar li ċ-ċaħda tal-Qorti tal-Appell li tippermetti lill-esponenti tħallas il-kawtela tal-appell, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, kienet mossa sproporzjonata u mhux raġonevoli u ċertament ma kienet qed isservi tal-ebda ġid għall-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja.

»Ta' min jikkonsidra wkoll illi fiż-żmien meta tqassam l-avviż tal-kawtela kien proprju l-perijodu fejn kienet għadha kif ġiet imneħħija s-sospensjoni tat-termini legali u ġudizzjarji minħabba l-pandemija tal-*Covid 19*. Fil-fatt, bis-saħħa tal-poteri mogħtija lilha bl-Avviż Legali 61 tal-2020 is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika kienet, permezz tal-Avviż Legali 65 tal-2020, ordnat l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja u tar-reġistru b'effett mis-16 ta' Marzu 2020. *Ai termini* tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali numru 61 tas-sena 2020 tali ordni ta' sospensjoni kellha l-effett li "tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarji u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati". Din is-sospensjoni baqgħet effettiva sa żmien sebat ijiem wara li l-ordni mogħtija mis-Suprintendent tiġi revokata. L-Avviż Legali 230 tal-2020 irrevoka l-ordni tal-għeluq tal-qrati tal-ġustizzja b'effett mill-5 ta' Ġunju 2020 u għalhekk effettivament is-sospensjoni tat-termini ġudizzjarji baqgħet effettiva sat-12 ta' Ġunju 2020. F'dan il-kuntest meta kull terminu kien ilu sospiż għal kważi tliet xhur jiġi umilment sottomess illi kien pjuttost drakonjan li l-Qorti tal-Appell irrifjutat li tikkonċedi lill-esponenti l-fakoltà li jagħmlu l-ħlas tal-kawtela notifikata lilhom proprju ftit jiem wara li reġa' fetaħ ir-reġistru.«

24. Fl-ewwel każ imsemmi mill-appellanti, dak ta' Simon Despott, il-verbal tas-seduta igħid illi l-qorti ppermettiet il-ħlas tardiv tal-kawtela "fiċ-ċirkostanzi"; ma jingħadx dawk iċ-ċirkostanzi x'kienu iżda ovvjament kienu ċirkostanzi li fil-fehma tal-qorti kienu jippermettu l-eċċezzjoni, u ma ntweriex li kien hemm ċirkostanzi li jippermettu eċċezzjoni mir-regola tal-liġi fil-każ tallum ukoll.

25. Fil-każ l-ieħor, dak ta' Edwin Zammit *et*, it-taxxa li fuqha nħadmet il-kawtela kienet kontestata u għalhekk ma kinitx finali. F'dak il-każ ukoll għalhekk kien hemm raġuni valida għala l-appell ma jitqiesx deżert.

26. Fil-każ ta' <u>Piju Borg *et v.* Daniel Orsini</u> il-verbal igħid illi dakinhar illi l-avukat tal-appellant għarraf lill-qorti illi "l-kawtela ser titħallas f'dawn il-jiem" l-istess avukat kompla jgħid ukoll illi "qed jagħti ruħu b'notifikat bl-avviż tas-smigħ tal-appell". Tassew illi l-verbal igħid illi l-avukat laqa' n-notifika tal-avviż tas-smigħ tal-appell u mhux ukoll tal-avviż tal-kawtela. Iżda ġeneralment l-avviż tas-smigħ tal-appell lill-appellant u l-avviż tal-kawtela jiġu notifikati flimkien, fl-istess dokument, u għalhekk aktar iva milli le sa dakinhar l-appellant f'dak il-każ kien għadu mhux notifikat bl-avviż tal-kawtela, u ż-żmien għall-ħlas għalhekk ma kienx għadu beda għaddej.

27. Fil-każijiet l-oħra msemmija fir-rikors l-appelli tqiesu deżerti għax, bħal fil-każ tal-lum, ma kienx hemm raġuni li tqieset tajba għala l-kawtela ma tħallsitx.

28. Ma ntweriex għalhekk li kien hemm diskriminazzjoni kontra l-appellanti. U lanqas ma jista' jingħad illi l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell kienet partikolarment stretta u riġida; kienet interpretazzjoni prevedibbli u konformi ma' preċedenti kostanti fl-interess taċ-ċertezza tad-dritt. Il-Qorti tal-Appell ma ħelsitx mill-appell "b'mod leġġer"; li għamlet hu li applikat il-liġi kif applikatha f'okkażjonijiet oħra.

29. L-argument l-ieħor tal-appellanti, imsejjes fuq is-sospensjoni tat-termini minħabba l-*Covid 19*, ma huwiex tajjeb peress illi s-sospensjoni tat-termini ma kinitx għadha fis-seħħ fiż-żmien relevanti. Il-fatt illi t-termini kienu bis-saħħa tal-liġi sospiżi sa ftit żmien qabel ma jwassalx biex, bis-saħħa ta'

ebda liġi, jiġu sospiżi ftit ieħor għax is-sospensjoni setgħet ħolqot sens ta' inerzja fl-appellanti.

30. Tassew illi, ladarba l-appell kien ilu daqshekk żmien jistenna biex jiġi appuntat, forsi seta' ngħata aktar żmien bejn il-ħruġ tal-avviż tas-smigħ u d-data tal-appuntament biex ma tinħoloqx urġenza bla bżonn, u forsi wkoll għandha raġun l-appellanti tistaqsi "x'kienet l-għaġla li wasslet lill-Qorti tal-Appell sabiex tappunta l-kawża għas-smigħ litteralment minn ġurnata għall-oħra wara li għaddew ħames snin mid-data li fiha kien ġie ntavolat l-appell", iżda ma ntweriex illi kien hemm ksur tal-liġi biex sar l-appuntament u nħarġet in-notifika relativa. Każ ta' *dura lex sed lex*. Il-fatt jibqa' illi l-appellanti ma kinitx fl-impossibbilità u lanqas f'xi diffikoltà partikolari li tagħmel dak li kellha tagħmel biex l-appell jinstema'.

31. Lanqas ma jista' jingħad illi l-appellanti ġiet imċaħħda minn aċċess għall-qorti. L-aċċess ingħatalha u l-appell tagħha kien jinstema' likieku r-rappreżentanti tagħha ħadu interess jaqraw xi jgħid sewwasew l-avviż flok jassumu li kien dwar kawża oħra. U wkoll li kieku raġonevolment setgħu ħasbu li kien dwar kawża oħra, l-avviż kien juri li kellu jsir ħlas sa ċerta data u għalhekk ir-rappreżentanti setgħu jkunu jafu illi kellhom dak l-obbligu, kienet x'kienet il-kawża, u dak l-obbligu baqgħu ma wettquhx.

32. Dan it-tielet aggravju huwa għalhekk miċħud.

33. Ir-raba' aggravjui jgħid hekk:

> »… … … fir-raba' lok l-ewwel qorti lanqas kienet korretta meta pprosegwiet fuq il-premessa li n-notifika lill-esponenti tal-avviż tas-smigħ u l-hlas tal-kawtela kienet waħda valida. Il-liġi tirikjedi li fejn in-notifika tal-att titħalla f'idejn terzi din għandha titħalla f'idejn impjegat tal-persuna li tkun qiegħda tiġi notifikata, waqt li fil-każ preżenti l-att

> tħalla f'idejn persuna li ma kinitx impjegata tas-soċjetà appellanti, billi kif diġà ingħad Joseph Cutajar ma kienx impjegat jew uffiċjal ta' *AJD Tuna Limited*; u jekk in-notifika tal-avviż tas-smigħ ma tkunx valida t-terminu għad-depożitu tal-kawtela lanqas biss ikun għadu beda jid-dekorri. Allura n-notifika tal-avviż tas-smigħ u l-ħlas tal-kawtela ma kinitx valida skond il-liġi u għalhekk ma setgħetx twassal għall-konsegwenza tad-deżerzjoni.«

34. Il-kwistjoni tal-validità tan-notifika hija kwistjoni ta' dritt ordinarju li dwarha l-Qorti tal-Appell tat deċiżjoni li kienet fil-kompetenza tagħha. Kif ġà ingħad[3], dan tal-lum ma huwiex appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell.

35. Il-ħames aggravju jgħid hekk:

> »Fil-ħames lok l-ewwel qorti skartat kompletament il-lanjanza tal-esponenti taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-akbar rispett jiġi umilment sottomess li kienet żbaljata meta qieset li d-dritt proċedurali tal-appell ma kienx jinkwadra ruħu fost il-possedimenti li dak l-artikolu tal-Konvenzjoni jipproteġi. L-esponenti fil-fatt kellhom dritt ta' azzjoni, liema azzjoni huma kienu diġà eżerċitaw billi intavolaw il-kawża numru 1210/2008. Din il-kawża kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, u l-esponenti jissottomettu li tali dritt ta' azzjoni anke bħala jedd litiġjuż kien jikkwalifika bħala possediment fit-termini tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem. Kif inhuwa *ormai* ben magħruf id-definizzjoni ta' possedimenti għall-fini tal-art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni hija pjuttost wiesgħa u tinkludi kull ħaġa li hija fil-patrimonju tal-persuna. Ċertament li anke dritt ta' azzjoni jikkwalifika bħala possediment. L-esponenti kellhom bħala possediment tagħhom dritt ta' azzjoni, tant li eżerċitawh billi intavolaw il-kawża numru 1210/2008 u wara intavolaw ukoll appell mid-deċiżjoni tal-ewwel qorti. Għandu jirriżulta ċar għalhekk illi l-provvedimenti tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Awissu 2020 u tat-30 ta' Ġunju 2020 fil-kawża 1210/2008 interferew ma' dak il-possediment ossija d-dritt ta' azzjoni li kellhom l-esponenti li jkomplu dik il-kawża. L-aspettativa leġittima li l-esponenti kellhom li l-appell tagħhom jinstema' ġiet kompletament iffrustrata meta l-imsemmija provvedimenti tal-Qorti tal-Appell interferew mat-tkomplija tal-istess appell. Anzi mhux biss interferew iżda addirittura ċaħħdu lill-esponenti kompletament minn dak il-possediment tagħhom, u dan meta ma kien hemm l-ebda interess pubbliku li kellu jwassal għal dik iċ-ċaħda. Bħal kull każ ta' teħid jew interferenza ma' possedimenti, tali teħid jew interferenza ma tistax issir jekk mhux *entro* l-parametri li tistabilixxi l-Konvenzjoni Ewropea. Jiġi rilevat illi l-provvedimenti msemmija li wasslu għaċ-ċaħda tal-possediment tal-esponenti la kienu skond il-liġi, la saru fl-interess ġenerali u wisq anqas inżammet proporzjonalità u bilanċ ġust bejn id-drittijiet tal-esponenti u dawk tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan anke in kwantu l-Qorti tal-Appell tista' tħalli appell pendenti quddiemha għal

---

[3] Para. 21, *supra*

> ħames snin, b'impunità totali, iżda mbagħad il-parti fil-kawża mis-tennija tagħmel depożitu ta' flus fi żmien brevissimu. Ċertament li ma hemm l-ebda sens ta' proporzjonalità jew bilanċ f'dan kollu.«

36. Dan l-aggravju ma jistħoqqlux jintlaqa' mhux tant għax id-dritt ta' aċċess għal qorti ma huwiex "possediment" għall-għanijiet tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, iżda għax l-appellanti ma ġietx imċaħħda minn dak id-dritt; il-jedd ta' aċċess inqdiet bih, l-appell tqiegħed għas-smigħ iżda s-smigħ ma sarx minħabba nuqqas ta' ħadd ħlief tar-tappreżentanti tal-appellanti nfisha, li ma ħadux ħsieb jaraw sewwasew xi jgħid l-avviż li kellhom f'idejhom.

37. Is-sitt aggravju jgħid hekk:

> »Fis-sitt lok l-ewwel qorti kienet żbaljata wkoll meta ċaħdet it-talbiet tal-esponenti bbażati fuq id-dritt komunitarju. L-ewwel qorti qieset li l-kawża odjerna kienet tittratta dwar il-provvedimenti tal-liġi maltija rigward il-kawtela tal-appell u xejn aktar. Dan bl-akbar rispett huwa mod ftit riduttiv kif wieħed iħares lejn il-mertu tal-kawża. Fil-kawża numru 1210/2008 is-soċjetà esponenti kienet qajmet punt dwar id-dritt ewropew u dan anke kien jifforma parti mill-aggravji indikati fir-rikors tal-appell tal-esponenti f'dik il-kawża, u l-allegazzjoni kienet illi l-awto-ritajiet amministrattivi f'Malta kienu kisru regolamenti ta' dritt ewropew. Wieħed ma għandux jinsa li din il-kawża involviet riferenza lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea li sabet li regolament partikolari maħruġ mill-Kummissjoni kien kiser il-liġi ewropea. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili madanakollu ċaħdet it-talba għad-danni għaliex dehrilha li l-fatti ma kinux jinkwadraw ruħhom fil-liġi proċedurali maltija. Iżda ebda liġi nazzjonali ma tista' tillimita d-dritt għal rimedju għall-ksur tad-dritt ewropew. Bl-akbar rispett, l-artikolu 249 tal-Kap. 12 kif kien f'Ġunju 2020 intuża biex ipoġġi limitazzjoni fuq l-esponenti li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jottjenu rimedju (proprju bil-mezz tal-appell) għal kwistjoni dwar ksur ta' dritt komunitarju li baqgħet għalhekk ma ġietx deċiża. F'dan il-kuntest jiġi rilevat illi l-artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet ewro-pea jgħid hekk fl-ewwel subinċiż tiegħu:
>
> > »"Any limitation on the exercise of the rights and freedoms recognised by this Charter must be provided for by law and respect the essence of those rights and freedoms. Subject to the principle of proportionality, limitations may be made only if they are necessary and genuinely meet objectives of general interest recognised by the Union or the need to protect the rights and freedoms of others."
>
> »*Inoltre* l-artikolu 47 tal-istess Karta jgħid hekk:

»"Everyone whose rights and freedoms guaranteed by the law of the Union are violated has the right to an effective remedy before a tribunal in compliance with the conditions laid down in this Article.

»"Everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal previously established by law. Everyone shall have the possibility of being advised, defended and represented.

»"Legal aid shall be made available to those who lack sufficient resources in so far as such aid is necessary to ensure effective access to justice."

»Huwa għalhekk inaċċettabbli li kwistjoni dwar id-dritt ewropew, u dwar dawk id-drittijiet li l-liġi tal-Unjoni tiggarantixxi lill-esponenti, spiċċat mingħajr rimedju effettiv u anzi mingħajr aċċess għall-qorti minħabba l-applikazzjoni riġida ta' regoli proċedurali li l-effett tagħhom kien għal kollox sproporzjonat.«

38. Fil-każ ta' Rewe-Zentralfinanz eG u Rewe-Zentral AG v Landwirtschafts-kammer für das Saarland[4] il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qalet hekk:

»Applying the principle of cooperation laid down in Article 5 of the Treaty, it is the national courts which are entrusted with ensuring the legal protection which citizens derive from the direct effect of the provisions of Community law.

»Accordingly, in the absence of Community rules on this subject, it is for the domestic legal system of each Member State … … … to determine the procedural conditions governing actions at law intended to ensure the protection of the rights which citizens have from the direct effect of Community law, it being understood that such conditions cannot be less favourable than those relating to similar actions of a domestic nature.

»… … …

»In the absence of such measures of harmonization the right conferred by Community law must be exercised before the national courts in accordance with the conditions laid down by national rules.

»The position would be different only if the conditions and time-limits made it impossible in practice to exercise the rights which the national courts are obliged to protect.«

39. Il-prinċipju tal-ekwivalenza enunċjat f'din is-sentenza ma jgħidx illi azzjoni għall-ħarsien ta' drittijiet taħt il-liġi tal-Unjoni għandha jkollha trattament proċedurali privileġġjat; li jgħid hu illi l-kondizzjonijiet proċedurali li għand-

[4] C-33/76, 16 ta' Diċembru 1976

hom jitħarsu f'azzjoni biex jinkiseb rimedju għal drittijiet taħt il-liġi tal-Unjoni ma għandhomx ikunu anqas favorevoli għal min ifittex dak ir-rimedju minn dawk li jirregolaw azzjoni dwar drittiiet domestiċi u ma għandhomx ikunu tali li jagħmluha impossibbli fil-prattika li jinkiseb dak ir-rimedju. Fil-każ tal-lum ir-regoli dwar deżerzjoni tal-appell kienu l-istess u ġew applikati bl-istess mod daqslikieku l-appell kien f'azzjoni dwar drittijiet purament domestiċi, u la kien impossibbli u lanqas partikolarment diffiċli għall-appellanti li tagħmel dak li kellha tagħmel biex l-appell tagħha ma jmurx deżert.

40. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

41. Is-seba' aggravju jgħid hekk:

> »Fis-seba' lok anke fejn l-ewwel qorti sabet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti l-kumpens likwidat minnha bl-akbar rispett kien fqir wisq u bilkemm ikopri l-ispejjeż li l-istess sentenza appellata addossat fuq l-esponenti f'dawn il-proċeduri. Tenut kont tal-fatt li l-kawża li fir-rigward tagħha nstab li kien hemm ksur minhabba d-dewmien biex jiġi appuntat l-appell kienet tittratta materja tas-sajd tat-tonn li ġabet magħha telf finanzjarju kbir, l-importanza tal-kawża 1210/2008 kienet waħda kbira u ta' valur għoli. Il-fatt li kawża bħal dik titħalla bl-appell mhux appuntat għal kwazi 5 snin ma jistax jiġi kkumpensat merament b'somma ta' tlett elef euro. Aktar minn hekk, tenut kont tal-fatt li d-dewmien ġab miegħu sitwazzjoni fejn is-soċjetà esponenti tilfet id-dritt tagħha li tkompli bl-appell ifisser li s-soċjetà esponenti tilfet kompletament iċ-ċans li tirnexxi fit-talbiet tagħha fil-kawża 1210/2008 u b'hekk naqset miċ-ċans li tirkupra ammonti sostanzjali ta' flus. Dan kollu ċertament li kellu jingħata piż mill-ewwel qorti u b'hekk is-soċjetà esponenti kien jixirqilha kumpens ferm akbar minn tlett elef euro.«

42. Jinħgad qabel xejn illi, għar-raġunijiet mogħtija fil-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji ta' qabel dan, ma huwiex minnu illi "d-dewmien ġab miegħu sitwazzjoni fejn is-soċjetà esponenti tilfet id-dritt tagħha li tkompli bl-appell"; l-appellanti tilfet dak id-dritt għax naqset milli tagħmel dak li kellha tagħmel. Instab ksur tad-dritt tal-appellanti għal smigħ xieraq mhux għax

id-dewmien kien ir-raġuni, jew waħda mir-raġunijiet, għala l-appell tagħha tqies deżert, iżda l-ksur kien minħabba d-dewmien *per se*. Ma ntweriex illi l-attriċi ġarrbet telf minħabba d-dewmien u għalhekk il-kumpens likwidat mill-ewwel qorti aktar għandu min-natura ta' danni morali. F'dawn iċ-ċirkostanzi danni morali ta' tlitt elef euro għal dewmien ta' ħames snin huwa fil-fehma ta' din il-qorti kumpens xieraq u biżżejjed.

43. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

44. L-aħħar aggravju jgħid hekk:

> »Fl-aħħar lok jiġi rilevat li l-analiżi tal-ewwel qorti rigward jekk ir-Reġistratur tal-Qorti kienx jew le leġittimu kuntradittur f'din il-kawża ma huwiex korrett u fil-fatt jidher li l-ewwel qorti analizzat il-leġittimità tiegħu mill-perspettiva ta' ksur tad-dritt għal smigħ xieraq unikament minħabba l-kwistjoni tad-dewmien biex jiġi appuntat l-appell u mhux ukoll mill-*punto di vista* tal-bqija tal-mertu tal-kawza u *cioè* l-ksur ta' smigħ xieraq minħabba d-deżerzjoni. L-ewwel qorti meta ttrattat dan il-punt ikkunsidrat biss il-fatt li l-appell dam ma ġie appuntat għas-smigħ. Naqset li tikkunsidra wkoll li mhux biss l-appell dam ma ġie appuntat iżda anke l-kawtela damet ma ġiet maħduma u dan minnu nnifsu ġab preġudizzju lill-esponenti billi l-esponenti spiċċaw kellhom biss ftit ġranet biex iħallsu l-kawtela qabel is-smigħ tal-appell. Huwa r-reġistratur li jaħdem il-kawtela u jieħu ħsieb jinnotifikaha lill-appellanti u l-fatt li dam ħames snin biex għamel dan, meta l-liġi kienet tip-preskrivilu biss tnax-il xahar, huwa ċertament nuqqas li wassal biex ikun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti. *Inoltre* r-reġistratur huwa wkoll il-persuna li trid tirrispondi għal nuqqasijiet fin-notifika, inkluż jekk il-kawtela ġietx notifikata lil persuna li ma kinitx tikkwalifika biex tirċievi atti għan-nom tal-appellanta. Għalhekk kjarament … … … ir-reġistratur kellu ċertament jiġi kkunsidrat bħala leġittimu kuntradittur f'din il-kawża billi huwa l-persuna unikament inkarikata mill-amministrazzjoni tal-qorti.«

45. Dan l-aggravju huwa msejjes fuq l-argument illi seħħ ksur mhux "unikament minħabba l-kwistjoni tad-dewmien biex jiġi appuntat l-appell" iżda "wkoll mill-*punto di vista* tal-bqija tal-mertu tal-kawza u *cioè* l-ksur ta' smigħ xieraq minħabba d-deżerzjoni". Rajna iżda illi dan mhux il-każ u l-ksur seħħ biss minħabba d-dewmien *ut sic* u mhux ukoll minħabba d-

dewmien bħala raġuni li wasslet għad-deżerzjoni. Rajna wkoll illi kwistjonijiet dwar validità ta' notifiki ma kinux proprjament meritu tal-kawża. Billi għalhekk id-dħul mill-ġdid tar-reġistratur fil-kawża ma jkollux effett prattiku billi ma nstabx ksur ta' drittijiet li għalih iwieġeb ir-reġistratur, dan l-aggravju wkoll huwa miċħud.

46. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

47. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell tħallashom is-soċjetà attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da